MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 759/2000/1

**Avviz numru 759/00DM**

**Borg Transportation Limited**

**Vs**

**Sovereign Hotels Limited (C 10538)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta, ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' seba' mija u sebgha liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm707.25) rappresentanti in kwantu ghal sitt mija, u disghin lira Maltin (Lm690) il-prezz u in kwantu ghal sbatax-il lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm17.25) spejjez ta' transport ta' tank tal-metal ghall-hazna tad-'diesel' mibjugh u kkonsenjat lill-konvenuti fuq inkarigu taghhom stess u kkonsenjat lilhom fil-lukanda 'Crown Hotel' li tinsab f'Bugibba, liema somma baqghu

ma hallsux minkejja li kienu nterpellati jaghmlu dan diversi drabi.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' konvenuta, ikluz dawk ta' l-ittra legali tat-13 ta' Ottubru, 1999, kontra l-konvenuti, li gew ingunti ghas-subizzjoni, u bl-imghax kummercjali mid-data ta' l-'invoice' datata 25 ta' Jannar, 1999, sad-data tal-pagament effettiv.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Sovereign Hotels Limited fejn ecceppiet illi:

L-ammont mitlub mhux dovut mis-socjeta' eccipjenti u dan ghar-ragunijiet segwenti;

a. Fl-ewwel lok, minhabba illi l-konsenja tat-tank konsenjat mis-socjeta' attrici kienet parti minn negozju iehor skond liema s-socjeta' attrici kellha tikkonsenja l-istess tank esklussivament a spejjez taghha, u di fatti qatt ma gie miftiehem prezz ta' l-istess tank;
b. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess is-somma mitluba bhala prezz tat-tank in kwistjoni hija eccessiva.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza taghha tal-21 ta' Frar, 2001, fejn il-Qorti kienet illiberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju a tenur ta' l-Artikolu 199 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-digriet taghha ta' l-1 ta' Marzu, 2001, fejn kienet laqghat it-talba ta' l-atturi ghar-riappuntament tal-kawza ghas-smiegh;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Stante l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti u l-provi li gew prodotti, jirrizulta li ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt illi l-kumpanija attrici kienet ipprovdit lill-kumpanija konvenuta tank tal-hadid fejn jista' jigi mahzun id-'diesel' li l-lukanda gestita mill-kumpanija konvenuta biex ikollha bzonn ghall-htigijiet taghha.

Evidentiment il-manifattura, trasport u stallazzjoni ta' l-istess tank jimportaw spejjez illi huwa stabbilit ukoll li gew esklussivament sopportati mill-kumpanija attrici.

Ghaldaqstant billi l-prezunzjoni hija illi kull min jissuplixxi lill-persuna ohra b'xi oggetti ta' certu valur u dana fil-kors normali ta' attivita' kummercjali senjatament meta l-persuni nvoluti jkunu kumpaniji kummercjali, il-prezunzjoni hija illi tali konsenja tkun saret taht kuntratt oneruz prezumibilment wiehed ta' bejgh li ghalhekk jimporta illi min ikun irceva l-merkanzija jkun tenut illi jhallas il-valur ossia l-prezz taghha.

Infatti Giuseppi Borg Direttur tal-kumpanija attrici jsostni illi huwa kien effettivament fuq istruzzjonijiet tal-konvenuti xtara dan it-tank tal-hadid minghand il-kumpanija 'Ta' Kandja Commercials Limited' fl-24 ta' Ottubru, 1997, ghall-valur komplessiv ta' sitt mija u disghin lira Maltin (Lm690) kif tindika l-'invoice' relattiva esebita a fol. 23 tal-process u li ghall-garr u stallazzjoni ta' l-istess tank fil-lukanda gestita mill-kumpanija konvenuta u taht l-istruzzjonijiet ta' l-istess konvenuti huwa kien ghamel spejjez ta' sbatax-il lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm17.25) li flimkien mal-prezz li huwa hallas jaghmlu s-somma ta' seba' mija u sebgha liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm707.25) li l-kumpanija attrici qeghda titlob li tigi mhallsa mill-kumpanija konvenuta.

Din id-deposizzjoni flimkien mal-prezunzjonijiet li johorgu mic-cirkostanzi ta' l-operazzjoni kummercjali bejn il-kontendenti hija bizzejjed biex tistabbilixxi almenu *prima facie* illi l-attur kien ikkonsenja t-tank tal-hadid taht ftehim ta' bejgh u ghalhekk ghandu jigi kkumpensat ghall-valur tieghu fis-somma illi huwa talab.

Ghalhekk billi l-konvenuti fl-ewwel (1) eccezzjoni taghhom qeghdin isostnu illi seta' kien hemm xi ftehim partikolari li kien jipprovdi illi l-kumpanija attrici kellha tikkonsenja l-istess tank esklussivament a spejjez taghha minghajr ebda dritt ta' rimbors, jispetta lill-istess konvenuti illi jgibu provi cari u konklussivi dwar dak illi qeghdin jallegaw.

Izda l-provi prodotti konsistenti fid-deposizzjonijiet ta' Mario Gravina u Martin Buttigieg rispettivament il-persuna nkarigata mill-manteniment tal-makkinarju tal-lukanda u l-General Manager attwali ta' l-istess lukanda Crown Hotel ma jwasslux ghal tali prova illi hija rikjesta mill-konvenuti.

Infatti l-provi tal-kumpanija konvenuta jkomplu jassodaw dak li qeghdin jallegaw l-atturi fis-sens illi jikkonfermaw illi kienet il-kumpanija attrici illi forniet u stallat fil-post it-tank imsemmi, u ghar-rigward ghal xi ftehim partikolari illi din il-konsenja kellha ssir minghajr ebda kumpens huma ddikjaraw illi ma kellhom ebda ndikazzjonijiet ta' xi ftehim partikolari illi seta' sar fir-rigward, anzi jsostnu illi kienu l-proceduri gudizzjarji presenti li l-ewwel gabu a konjizzjoni taghhom l-pretensjoni ta' l-attur.

Lanqas din l-ahhar allegazzjoni ma tirrizulta pprovata billi jirrizulta illi l-'invoice' relattiva giet spedita fil-5 ta' Ottubru, 1999, u li giet spedita ittra nterpellatorja fit-13 ta' Ottubru, 1999, u anke spedita ittra ufficjali fit-3 ta' Dicembru, 1999, waqt illi l-Avviz Legali kien gie ntavolat biss fit-8 ta' Gunju, 2000.

Ghalhekk il-Qorti ssib illi l-atturi waslu ghall-prova konklussiva illi huma kienu effettivament bieghu lill-kumpanija konvenuta t-tank imsemmi fl-Avviz u dana versu l-prezz ta' seba' mija u sebgha liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm707.25) li jinkludu ukoll l-ispejjez tat-trasport u nstallazzjoni ta' l-istess tank.

Ghaldaqstant stante illi l-Qorti tikkonkludi illi kien sar u gie kkompletat il-bejgh in kwistjoni, kwalunkwe kwistjoni ulterjuri dwar jekk il-prezz kienx gust jew le hija relevanti ghall-iskopijiet ta' din il-kawza izda tajjeb li wiehed isemmi

ukoll illi l-prezz mitlub mill-attur huwa effettivament il-prezz illi huwa hallas biex xtara minghand terzi persuni t-tank in kwistjoni illi llum jinsab fil-pussess tal-konvenuti u jintuza minnhom.

Ghaldaqstant filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti l-Qorti qeghda tilqa’ it-talba attrici u qedgha tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta’ seba’ mija u sebgha liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm707.25) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet kummercjali b’effett mill-5 ta’ Ottubru, 1999.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------